MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 243/2007

**Go Plc**

**V**

**Goliath Developments Limited (C 14668)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sitta (6) t’Awissu 2007 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ elf sitt mija sebgha u erbghin lira tu sitta u sebghin centezmu maltin (LM1647.67) ekwivalenti ghal tlett elef tmien mija tmienja u tlettin euro (EUR 3,838.04) bilanc minn somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ servizzi telefonici bin-numri 21640030 u 21640032/3 skond kif jirrisulta mid – Doks. A, B, C, D u E.

Bl-ispejjes tal-prezenti, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll bl-imghaxxijiet kontra l-konvenuti

mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li hija ngunta 'n subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Dicembru 2007 skond ir-riferta tal-Marixxal Mario Mizzi li tinsab a fol. tergo 22 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-sitta (6) ta' Frar 2008 is-socjeta konvenuta konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba tas-socjeta attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf sitt mija sebgha u erbghin lira tu sitta u sebghin centezmu maltin (LM1647.67) ekwivalenti ghal tlett elef tmien mija tmienja u tlettin Ruro (EUR 3,838.04) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------